# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum l-Erbgħa 16 t' Ottubru, 2024

**Rikors Ġuramentat Nru.: 521/2010 MH**

**Numru:**

**John Baldacchino**

**vs**

**Direttur tal-Uffiċċju Konġunt u Reġistratur tal-Artijiet u b'digriet tal-Qorti tat-8 ta' Frar 2013 ġie ammess Carmelo Mallia**

**bħala intervenut fil-kawża**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tal-20 ta' Mejju 2010** permezz ta' liema ppremetta u talab -

1. *"Illi r-rikorrenti xtara art maghrufa bhala "Ta Ghar Hanzir" f'Ta Hal Farrug hal-Luqa u dana permezz tal-att pubbliku data 15 ta' Settembru 1993 in atti Nutar Tonio Spiteri. L-art in kwistjoni ghandha kejl ta' cirka 12,364 metri kwadri;*

2. *Illi dina l-art inxtrat mir-rikorrenti libera u franka;*

3. *Illi susegwentement l-esponenti gie a konoxxenza tieghu li l-intimat Direttur tal-Ufficju Kongunt irregistra parti minn dina l-art mal-intimat Registratur tal-Artijiet bhala propjeta tieghu;*

4. *Illi r-rikorrenti jissottometti b'rispett li l-intimat Direttur tal-Ufficju Kongunt ma' ghandu ebda dritt u jew titolu fuq l-art imsemmija u ghalhekk ir-registrazzjoni li saret kienet wahda erronja u skorretta;*

5. *Illi l-esponenti kiteb u avvicina lill-intimata sabiex isir dak mehtieg sabiex tigi kkancellata ir-registrazzjoni msemmija izda l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;*

*Ghalhekk jghidu l-intimati ghaliex ma' ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikjara li l-art "tal-Hanzir" f' Ta' Hal Farrug, limiti ta' Hal Luqa hija propjeta tal-attur rikorrenti u li l-intimati ma' ghandhom ebda jedd jew dritt ta' xi propjeta jew titolu iehor fuq l-imsemmija art;*

2. *Tordna lill-intimati, jew minn minnhom, sabiex tigi kkancellata r-registrazzjoni li saret mal-intimat Registratur tal-Artijiet, kkoncernati l-art mertu tal-kawza odjerna u li jittiehdu kull provvediment opportune fic-cirkostanti sabiex l-art in kwistjoni tinheles minn ma' l-intimati;*

3. *Tappunta u tinnomina Nutar sabiex jippublika kull opportune kif ordnat u li jigu nominat kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw l-interessi tal-eventwali kontumaci.*

*Bl-ispejjez u b'hekk l-intimati jibqghu ngunti ghas-subbizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tar-Reġistratur tal-Artijiet tal-31 ta' Awwissu 2010**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

1. *"Illi giet prezentata fir-Registru tal-Artijiet applikazzjoni mill-Ufficcju Kongunt ai termini tal-Att dwar Proprjeta' ta' Entijiet Ekklesjastici (Kap.358) ghar-registrazzjoni, f'isem il-Gvern ta' Malta fir-rigward tal-art maghrufa bhala 'Ta' Ghar Hanzir' gewwa Hal-Farrug, Hal-Luqa fit-8 ta' Awwissu 2005 u dan ai termini tad-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok'A';*

2. *Illi in segwitu ghall-imsemmija applikazzjoni LRA2111/2005, l-art in kwistjoni giet registrata bic-Certifikat ta' Titolu numru 3300024, f'isem il-Gvern ta' Malta u dan ai termini tad-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';*

3. *Illi giet iddepozitata kawzjoni fit-12 ta' Novembru 2008 f'isem John Baldacchino li tolqot parti mill-proprjeta' gia rregistrata f'isem il-Gvern ta' Malta fuq l-art 'Ta' ghar Hanzira' gewwa Hal Farrug, Hal-Luqa. Din il-kawzjoni inghatat in-numru LRC2793/2008 u dan ai termini tad-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C';*

4. *Illi r-Registratur tal-Artijiet jirrileva li l-presenza tieghu fil-kawza odjerna hi necessarja biss ghall-iskop tal-eventwali esegwibilita' tal-gudizzju tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 51(5) tal-Kap.296 u ghaldaqstant l-esponent jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

5. *Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhux attriwibbli ghal xi nuqqas tal-intimati li ghaldaqstant m'ghandomx jigu soggetti ghall-ispejjeztal-istanti.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

[1] Fol 11 et seq

Rat **ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt tas-7 ta' Settembru 2010**[2] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

1. *"Illi fil-mertu t-talbiet. tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda, minhabba li 1-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma kif gej:*

a. *Il-porzjoni art maghruf bhala 'Ta' Ghar Hanzir', tal-kejl ta' elf hames mija u sebgha u sittin metru kwadru (1567 m.k.), li jinsab fil-limiti ta' Hal Qormi kien inghata bi biela lil Raffaelo Mallia nhar 1-20 ta' Lulju 1954 permezz ta' ftehim mal-Istitut ta' San Guzepp tal-Hamrun, wara li 1-istess Istitut San Guzepp kien thalla legat fuq 1-istess art minn certu Andrea Psaila, permezz ta' testment li jinsab fl-atti tan-Nutar Paolo Carbonaro, bid-data tas-17 ta' Marzu 1922;*

b. *Sussegwentement ghall-ftehim li sar bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede fit-28 ta' Novembru 1991 u 1-Att IV tal-1992, dan 1-istess porzjon art gie ttrasferit ghall-amministrazzioni mill-Gvern ta' Malta, suggett ghad-dritt ta' qbiela favur l-eredi ta' Raffaelo Mallia. Is-sena li fiha effettivament il-proprjetà ekklezjastika ghaddiet ghall-amministrazzjoni mill-Gvern ta' Malta kienet 1-1993;*

c. *Illi I-proprjetà in kwistjoni hi wahda mill-proprjetajiet inkluzi fl-Anness 8 tal-ftehim li sar bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede u ghaldaqstant m'hemm bzonn tal-ebda prova ohra tat-titolu li 1-Gvern ghandu fuqha, u dan anki minhabba fid-dispozizzionijiet tal-Artikolu 5(3) tal-Kapitolu 358 tal-Ligijiet ta' Malta;*

d. *Illi jidher li fxi zmien f1-2004, ir-rikorrent kien avvicina lill-gabillotti Mallia u infurmahom li parti mir-raba' li kienu qeghdin jahdmu kienet parti mill-proprjetà li hu akkwista bis-sahha tal-kuntratt t'akkwist li kien sar minnu nhar il-15 ta' Settembru 2009 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri;*

e. *Illi 1-Gvern ta' Malta irregistra l-art in kwistjoni f'ismu permezz taccertifikat ta' titolu numru 200509150M;*

[2] Fol 22 et seq

*f. Illi wara li dan ir-registrazzioni giet ikkontestata mir-rikorrenti, anki permezz ta' kawzjoni li saret fir-Registru tal-Artijiet, saru numru ta' verifiki mill-Ufficeju Kongunt mal-Kurja ta' Malta u anki site inspections minn teknici impjegati fl-Ufficeju Kongunt, u kull darba irrizulta li l-art irregistrata f'isem il-Gvern ta' Malta hi 1-istess art li kienet mghoddija lill-Gvern mill-awtoritajiet ekklezjastici. L-imsemmija site inspection saret ukoll fil-prezenza tal-gabillott li ghandu l-qbiela mill-Ufficcju Kongunt, li kkonferma li l-art irregistrata mill-Gvern hi l-istess art li ilha fil-pussess tal-familja tieghu ghal ghexieren ta' snin;*

*2. Illi 1-Ufficcju Kongunt in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta u bhala sid tal-art, kellu kull dritt li jirregistra din l-art f'ismu u jippreserva d-drittijiet tieghu fuqha;*

3. Salvi eccezzionijiet ulterjuri."

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet u s-sottomissjonijiet magħmula.

Rat ir-rapport kif ukoll ir-rapport supplementari tal-espert tekniku nkarigat minnha l-perit Vincent Ciliberti.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-attur intavola l-proċeduri odjerni bil-għan li l-Qorti tiddikjarah bħala s-sid tal-art "Tal-Ħanżir" f'Ta' Ħal Farruġ limiti ta' Ħal Luqa li hija preżentament reġistrata mir-Reġistratur tal-Artijiet a favur id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt bil-kejl superfiċjali ta' circa 1567 metri kwadri[3]. Din il-porzjon art tifforma parti minn art ikbar li l-attur kien xtara fl-1993, liema art ikbar ma tiffurmax parti mill-kontestazzjoni odjerna.

Il-pretensjoni tal-attur hija li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom li m'għandhom ebda dritt ta' proprjeta' jew titolu fuq l-art in kwistjoni. Per konsegwenza huwa qed jitlob li tiġi kanċellata r-reġistrazzjoni li saret mir-Reġistratur tal-Artijiet fuq l-istess art a favur id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt.

Minn naħa tiegħu d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt jirrespinġi l-pretensjonijiet attriċi bħala nforndati fil-fatt u fid-dritt. L-intervenut fil-kawża wkoll isostni li l-attur m'għandu ebda jedd fuq il-porzjon art mertu tal-kawża.

Ir-Reġistratur tal-Artijiet irrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti in kwantu l-preżenza tiegħu f'dawn il-proċeduri hi meħtieġa biss għall-iskop tal-eventwali esegwibilita' tal-ġudizzju tal-Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 51(5) tal-Kap 296 tal-Liġijiet ta' Malta.

[3] Fol 16

Sintetikament mill-atti jirriżulta li permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Settembru 1993 l-attur xtara mingħand ċerta Carmela Spiteri għalqa msejħa Ta' Wied il-Kbir fil-kontrada Ta' Għar Ħanżir sive Tal-Kattara fil-limiti ta' Ħal Qormi, tal-kejl superfiċjali ta' circa ħdax -il tomna ekwivalenti għal 12,364 metri kwadri.

L-attur xehed li huwa familjari ma' din l-art peress li faċċata missieru għandu raba' ieħor li huwa kien jiffrekwenta sa minn ċkunitu. Qal ukoll li din ir-raba' li xtara jaf li kienet tinħadem minn ulied il-venditriċi u qabilhom minn missierhom.

Il-konvenuti minn naħa l-oħra jsostnu li l-art mertu tal-kawża, ta circa 1567 metri kwadri kienet oriġinarjament proprjeta' tal-Knisja, ossia Dar San Ġużepp, il-Ħamrun u mogħtija bi qbiela lil Raffaello Mallia. Wara l-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede nhar it-28 ta' Novembru 1991, din il-proprjeta' ġiet inkluża fl-annex tal-imsemmi ftehim u trasferita lill-Uffiċċju Konġunt. Fil-mument tat-trasferiment kien hemm qbiela favur l-intervenut fil-kawża Carmelo Mallia, iben Raffaelo Mallia.

Fit-30 ta' Ġunju 2003[4], permezz tal-avukat tiegħu, l-istess Carmelo Mallia informa lill-Uffiċċju Konġunt li kien ġie avviċinat minn ċertu Carmelo Baldacchino li sostna li parti minn naħa t'isfel tal-għalqa, fejn hemm id-dħul, hija

[4] Fol 131

tiegħu u mhux tal-istitut San Ġużepp. Mallia talab lill-Uffiċċju sabiex jinvestiga din il-kwistjoni.

L-Uffiċċju Konġunt isostni li huwa għamel verifiki kemm internament u anke mal-Kurja u l-eżitu kien li l-art illum mertu tal-kawża hija tal-Gvern.

Fit-8 t'Awwissu 2005 l-Uffiċċju Konġunt irreġistra t-titolu tiegħu fuq l-art imsemmija mar-Reġistru tal-Artijiet kif deskritta fid-dokumenti tal-Kurja[5]. Iċ-Ċertifikat ta' Titolu nħareġ u jġib in-numru 33000248 f'isem il-Gvern ta' Malta[6].

Meta l-attur ipprova jirreġistra l-art li xtara mar-Reġistratur tal-Artijiet irriżultalu li dik il-porzjon mertu tal-kawża kienet diġa' ġiet reġistrata mid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt. Minkejja li saru diversi laqgħat bejnu u bejn l-Uffiċċju Konġunt, ma ntlaħaq ebda ftehim.

L-attur għalhekk ipproċeda u rreġistra kawzjoni numru LRC2793/2008 nhar it-12 ta' Novembru 2008 fuq il-proprjeta' mertu tal-kawża li hija ġja reġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta[7]. Sussegwentement intavola l-proċeduri odjerni għax jikkontendi li hemm żball minn naħa tal-konvenuti dwar is-sit tal-proprjeta' in kwistjoni.

[5] Fol 27
[6] Fol 17 u 18
[7] Fol 20.

**<u>Natura tal-azzjoni</u>**

L-azzjoni odjerna hija essenzjalment waħda ta' natura petitorja fejn l-attur primarjament qed jikkontendi li huwa għandu jiġi dikjarat sid tal-art mertu tal-kawża. F'każ li tintlaqa' dik it-talba, bħala rimedju l-Qorti għandha tordna l-kanċellament tar-reġistrazzjoni tal-art mertu tal-kawża li saret mir-Reġistratur tal-Artijiet a favur id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt.

Ladarba l-art li qiegħed jittanta jirrivendika l-attur fil-preżent tinsab fil-pussess tal-intervenut fil-kawża Carmel Mallia u reġistrata favur id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt mar-Reġistratur tal-Artijiet, allura l-fattispeċje tal-azzjoni jaqgħu taħt l-*actio rei vindicatoria*.

Din l-azjjoni kif jidher fl-iżvillup ġurisprudenzjali n tematika tippresenta dibattitu u linji ta' ħsieb ta' dak li għandha tkun il-prova imressqa biex twassal għas-suċċess o meno  fil-vertenza.

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Kirurgu Mr.Arthur Felice et vs Stephan Bartolo et deċiż fit-3 ta' Ottubru 2024** ingħad hekk in materja -

*"Illi l-Qorti dwar l-azzjoni rivendikatorja u l-grad tal-prova necessarja f'kawza ta' dan it-tip taghmel referenza ghall insenjamenti tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Marzu, 2020 fl-ismijiet Emanuel Cauchi -vs- George Grech et li elenkat diversi punti, fil-fehma ta' din il-Qorti essenzjali, li ghandhom jigu osservati fl-actio rei vindicatoria kif isegwi:*

*'9. Fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li għandu ragun il- konvenut ghandu ragun jilmenta li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta irriteniet li ladarba huwa fl-eccezzjonijiet tiegħu ivvanta titolu fuq l-art inkwistjoni, allura sta għalih (il konvenut) fl-ewwel lok li jipprova t-titolu tiegħu. Il gurisprudenza nostrana adirittura tgħallem il-kontra ta' dak li rriteniet l-ewwel Qorti. Huwa dejjem l-attur li fl-ewwel lok irid jipprova t-titolu tiegħu, kemm jekk il-konvenut possessur ikun iddefenda ruħu bil-pussess, u kemm jekk ikun invoka t titolu fuq l-art mertu tal-azzjoni. Din il-qorti fil-fatt tagħmel riferenza għas-segwenti insenjament tal-qrati tagħna:*

*- L-attur f'kawza rivendikatorja jrid jipprova d-dritt tiegħu ta' proprjeta` fuq il-ħaga rivendikata u tali prova trid tkun kompleta u konklussiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-icken, imur favur il-konvenut possessur*[8].

*- Min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobbli għandu d-dover li qabel xejn jipprova l-proprjeta` tiegħu. Il-konvenut f'din l azzjoni ma għandux għalfejn jiftaħ ħalqu sakemm issir il prova u jekk dik il-prova ma ssirx huwa għandu jirbaħ il kawza......Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il proprjeta` tar-rivendikant, hija għandha ssostni lill possessur*[9].

*- Darba li l-attur jipprova t-titolu tieghu, spetta lill-konvenut jipprova xi titolu ahjar. Ladarba l-attur jissodisfa l-piz tal prova billi juri t-titolu tiegħu, jinkombi lill-konvenut li jikkontrapponi, permezz ta' provi cari, unici u indubbi, it-titolu proprju*[10].

*- Meta jissussisti xi dubju dwar it-titolu reklamat mill-attur, il-qorti ma jinħtigilhiex tidħol fl-ezami tal-allegat titolu tal konvenut għaliex f'dik l-eventwalita` xejn ma jkun ifisser li l konvenut ma jipprova bl-ebda mod la t-titolu, la bil preskrizzjoni u lanqas mod ieħor li hu l-proprjetarju. Una volta dubju dwar it-titolu tal-attur ma jezistix, jikombi fuq il konvenut li jaddotta linja difensjonali adegwata u b'saħħitha biex jinnewtralizza t-titolu pruvat tal-atturi rivendikanti billi jopponi għalih b'titolu b'saħħtu u cert*[11].

[8] Mario Galea Testaferrata et v. Giuseppi Said et (Q. App. 1 ta' Lulju 2005)
[9] Perit Carmelo Falzon v. Alfred Curmi (Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1995)
[10] Cassar noe v. Barbara et (Q. App. –Sede Kumm. - 7 ta' Ottubru 1980)
[11] Nancy Mangion et v. Albert Bezzina Wettinger (Q. App. 5 ta' Ottubru 2001)

*- Jekk l-attur ma jippruvax it-titolu tiegħu m'hemmx lok li l qorti tgħaddi biex tezamina l-provi tal-konvenut li hu jkun ressaq biex jipprova t-titolu tiegħu*[12].

*10. L-ewwel Qorti naqset għal kollox milli tezamina t-titolu vantat mill-attur. Hija ezaminat it-titolu vantat mill konvenut, dehrilha li dan ma giex pruvat u għalhekk awtomatikament u konsegwentement ikkonkludiet li l-attur ipprova t-titolu tiegħu! Dan huwa skorrett għall-aħħar u għalhekk l-ewwel aggravju tal-konvenut huwa ampjament fondat.'.*

*Illi johrog ghalhekk car mis-suespost li l-ewwel li trid taghmel din il-Qorti hija li tezamina t-titolu vantat mir-rikorrenti u ssegwi skont ir-rizultanzi tal-istess."*

Żvillup ġurisprudenzjaili in tematika tendenzjali anke għal applikazzjoni ta' versjoni alterata ta' l-*actio pubbliciana*[13], minħabba d-diffikulta nkombenti għal prova neċeaaarja għas-suċċess o meno tat-talba igħid dan:

*"Illi din hija kawża ta' azzjoni rivendikatorja. Illi hu risaput tradizzjonalment illi f'kawżi simili l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu mingħajr ebda ombra ta' dubju – ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti tal-*

---

[12] Norbert Agius v. Anthony Vella et (Q. App. 25 ta' April 2008)

[13] Interessanti li fl-istess deċiżjoni ċitata l-Qorti espremiet dan;

***"Sabiex jitneħħa kull ekwivoku u ma tinħoloqx l-impressjoni illi l-azzjoni publiciana hija xi forma "ekonomika" tal-azzjoni rei vindicatoria – speci ta' actio rei vindicatoria "lite" li l-attur jista' liberament jagħżel bejn waħda u l-oħra – il-qorti tosserva illi dik li llum tissejjaħ actio publiciana ma hijiex l-azzjoni publiciana tad-dritt Ruman. L-actio publiciana kienet actio utilis ficticia in rem li l-pretur kien jagħti lil min cum iusta causa iżda b'mod ta' akkwist li ma jiswiex għat-trasferiment ta' res mancipi – e.g. traditio flok mancipatio jew in jure cessio – ikun kiseb res mancipi u jkun kisibha a domino, u jitlef il-pussess tal-ħaġa qabel ma jkun laħaq għadda ż-żmien biex ikun ikkonsolida t-titolu u kiseb il-proprjetà b'usucapio. B'finzjoni li għadda żmien biżżejjed biex seħħet usucapio l-pretur kien jippermetti lill-attur li jikseb lura l-pussess ukoll mingħand is-sid kwiritarju. Fid-dritt modern ma għadx hemm id-distinzjoni bejn res mancipi u res nec mancipi u għalhekk strettament ma hemmx lok għall-azzjoni publiciana, lanqas favur min ikun kiseb immobbli mingħajr att pubbliku. Dak l-isem iżda ngħata lill-azzjoni fejn l-attur juri titolu u kemm l-attur u kemm il-konvenut jippretendu titolu fuq il-ħaġa mingħand l-istess awtur, u f'dik is-sitwazzjoni jirbaħ min ikollu l-aħjar titolu fis-sens ta' prijorità. F'ċirkostanzi oħra – i.e. meta l-attur u l-konvenut ma jkunux jippretendu titolu mingħand l-istess awtur – ma jkunx biżżejjed għall-attur li juri "pussess anterjuri" jekk dak il-pussess ma jkunx ikkonsolida bl-użukapjoni, appuntu għax il-publiciana ma hijiex rei vindicatoria "lite".***

*Appell mogħtija fl-1958 fil-kawża fl-ismijiet "Giuseppe Buhagiar vs Gużeppi Borg" fejn intqal illi "kwalunkwe dubju għandu jimmilita favur il-konvenut possessur". Din hija biss eżempju għaliex hemm diversi sentenzi oħra simili. Wieħed jista' jsib rassenja dettaljata tagħhom fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet "Anthony Mercieca vs Anthony Buhagiar" fit-23 ta'* Ottubru 2001. *Fis-sentenza msemmija ġie ċitat ukoll l-awtur Torrente li qal illi: "La rivendicazione e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si afferma propietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene. L' attore in conformita' delle regole generali, ha l' onere di dimostrare il suo diritto; ha l' onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originale. A voler andare all' infinito, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di probatio diabolica).*

*Illi fis-snin aktar riċenti din il-pożizzjoni ċċaqalqet xi ftit tant illi l-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet "John Vella et vs Sherlock Camilleri" mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2002 adottat pożizzjoni kemxejn differenti billi qalet illi: "… il-Qrati tagħna, konsapevoli bid-diffikolta' li ssir tali prova u fl-interess tal-ġustizzja aċċettaw il-possibbilta' li l-attur jirnexxi fil-kawża li u jagħmel in forza tal-actio publicana. Hekk fil-kawża "Attard nomine vs Fenech" deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1875 (Vol VII p 390) osservat, 'che l' azione intentata dell' attore nel suo libello quale procuratore dell' assente Angelo Zarb e' duplice, la rivendocaoria e la publicana, giusta i principii della leggero mana; colla prima l' attore deve provare di aver il dominio della cosa che vuole rivendicare; colla seconda di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu debole del suo. Che e' ricevuto nel foro che le dette due azioni si possono cumulare ed esercitare*

*alternattivamente, nonostante che anche tendono allo stess oggetto. (Ara wkoll "Fenech vs Debono" deċiża mill-Prim Awla fl-14 ta' Mejju 1935)."*[14]

Fl-istess deċiżjoni kompla jingħad:-

*"Fil-kawża fl-ismijiet "William Portelli v. Peter Paul Portelli", deċiża fis-27 ta' Settembru 2019, din il-Qorti għamlitha ċara li l-fatt waħdu li l-konvenut ikun ivvanta titolu ma jeħlisx lill-attur mill-oneru tal-probatio diabolica: "*

*29. Fi kwalunkwe każ, anke li kieku kellu jitqies li l-pjanta kienet ser twassal lill-periti biex jikkonkludu li l-passaġġ li fuqu jisporġi l-ħajt huwa inkluż fl-art li akkwista l-attur fl-1987, ma kienx ikun biżżejjed biex l-attur jipprova li għandu titolu oriġinali fuqu. Ma huwiex korrett dak li jgħid l-attur li biżżejjed għalih li juri li għandu titolu aħjar minn dak li għandu l-konvenut. Ir-raġuni għal dan ma hijiex - kif jgħid il-konvenut - li l-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu ma ivvantax titolu: ir-raġuni hi li l-attur fl-azzjoni revindikatorja għandu juri titolu oriġinali. Il-fatt waħdu li l-konvenut jivvanta titolu ma jeħlisx lill-attur mill-oneru tal-probatio diabolica; l-attur jinħeles minn dak l-oneru fil-każ biss li l-konvenut, impliċitament jew espressament, jammetti l-validita` tat-titolu tal-attur iżda jivvanta titolu aħjar. L-attur se mai kellu jressaq ferm aktar provi minn sempliċi kuntratt tal-akkwist, li jipprova biss titolu derivattiv, u adirittura minn trasferiment wieħed biss. Kellu jmur ferm aktar lura fir-riċerki tiegħu biex jittanta jagħmel il-prova rikjesta f'azzjoni bħal din.*

*30. Huwa magħruf li f'azzjoni rivendikatorja, l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu mingħajr ebda ombra ta' dubbju – ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fl-1958 fil-kawża fl-ismijiet Borg v. Buhagiar. F'dik il-kawża intqal illi kwalunkwe dubbju għandhu jimmilita favur il-konvenut possessur. "L'attore rivendicante deve provare in modo posittivo la proprieta' che reclama e basta il semplice dubbio sulla pertinenza della proprieta' perche il convenuto che e al possesso dev'essere assolto delle domanda". (Vol. XXIX.ii.488). Dan huwa biss eżempju għaliex hemm diversi sentenzi oħra simili. Wieħed jista' jsib rassenja dettaljata tagħhom fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla talQorti Ċivili, fl-ismijiet Anthony Mercieca v. Anthony Buhagiar fit23 ta' Ottubru 2001 fejn ġie ċitat ukoll l-awtur Torrente."*

[14] Qorti tal-Appell Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Sammut et. va Paul Muscat**: Rikors 1074/11/1 JA

Bl-istess mod, il-Qorti sejra timxi fil-kawża odjerna billi fl-ewwel lok testabilixxi mill-provi mressqa jekk l-attur irnexxilux jipprova t-titolu tiegħu ta' sid tal-porzjon art mertu tal-kawża.

Mill-atti l-Qorti tislet is-segwenti –

1. L-attur preżenta kopja tal-kuntratt t'akkwist tal-24 ta' Settembru 1993 mill-liema jirriżulta li l-art minnu akkwistata, ta' circa 12,364 metri kwadri kif ingħad, hija konfinanti min-nofsinhar ma' beni tal-Gvern, mill-grigal ma' għalqa ta' Frenċ Galea u mit-tramuntana ma' Wied il-Kbir jew irjieħ verjuri libera u franka, bid-drittijiet, ġiustijiet u l-pertinenzi kollha tagħha kif deskritta fuq il-pjanta annessa mal-istess kuntratt;

2. L-istess att t'akkwist jindika bħala provenjenza li l-proprjeta' trasferita ġiet imħollija lill-venditriċi Carmela Spiteri mill-ġenituri tagħha Giuseppe u Maria konjuġi Vella bit-testment tagħhom fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria tal-10 ta' Frar 1945;

3. Kopja tat-testment tal-konjuġi Vella tal-1945 tinsab esebita a fol 192 u fih jingħad li t-testaturi kienu qed jorbtu u jassiguraw favur binthom Carmena

mart Andrea Spiteri l-għalqa li tinsab limiti ta' Ħal Qormi kontrada ta' Għar Ħanżir, jew tal-Kattara, u hekk ukoll imsejħa, Wied il-Kbir, ta' kapaċita' ta' ħdax -il tomna, erbgħa sigħan u tlett kejliet, li tmiss mit-tramuntana mal-imsemmi Wied il-Kbir, min-nofsinhar ma' beni tal-Gvern, mill-grigal ma' għalqa ta' Frenċ Galea bid-drittijiet u pertinenzi tagħhom, libera u franka;

4. L-attur kompla jixhed hekk[15] -

*"Meta jiena xtrajt il-proprjeta' għamilna pjanta. Kien in-nutar li mmarkaha l-pjanta. Nikkonferma li t-tagħrif in-Nutar kien ħadu mid-dokumenti li kellha ta' qabli ċioe' l-venditriċi. Intużat il-pjanta li hemm a fol 76 tal-proċess. Din hija l-pjanta li hemm mal-kuntratt ta' akkwist tiegħi......*

*(........)*

*Mistoqsi mill-Qorti jekk qattx kejjilt l-art intiera ngħid li le m'għamiltx hekk. Mingħand min xtrajt kienet tatni pjanta taċ-ċarruta. Kienet immarkata din il-pjanta. In-nutar qalli jien ma nistax nimmarka fuq pjanta taċ-ċarruta għalhekk għamel pjanta identika. Dik li urietni l-avukat u li hija esebita fl-atti hija identika għall-pjanta taċ-ċarruta li tatni l-venditriċi. Jien imxejt fuq il-pjanta li ngħatajt mingħand min xtrajt. Il-kejla tal-art li xtrajt jien jissemma fit-testment li għadni kif preżentajt kopja tiegħu....Mistoqsi liema art qed nokkupa jien ngħid qed nokkupa dik l-art li jien xtrajt bil-kuntratt inkluż dik il-parti kulurita bl-aħmar, id-dokument li ppreżentajt illum Dok JB1A*[16]*. Jien ma naqbilx li l-art ikkulurita bl-aħmar dokument JB1A, qed jaħdimha l-intervenut fil-kawża Mallia Għandu x'juri? Jien xtrajt dak li kellha qabli Karmela Spiteri. Jien ma niftakarx lil Karmela Spiteri taħdem l-art. Hi ma kinitx f'kundizzjoni li taħdem l-art imma uliedha kienu jaħdmuha.";*

---

[15] Fol 187
[16] Fol 191

5. In-Nutar Tonio Spiteri li ppubblika dan il-kuntratt t'akkwist xehed hekk[17]-

*"Jien għamilt kuntratt fil-15/09/1993, dwar trasferiment ta' art ta' Wied il-Kbir, fil-kontrada ta' Għar Ħanżir, sive tal-Kattara, limiti ta' Ħal Qormi. Kejl ta' circa 12,364 metri kwadri. Kif jirriżulta mill-istess att li jinsab esebit fl-atti tal-kawża, il-provenjenza ta' l-art hu wirt, ċioe' mill-ġenituri tal-venditriċi li kienu Ġiuseppe u Maria konjuġi Vella. Minn naħa tiegħi, kif nagħmel dejjem inku għamilt ir-riċerki. Għamilt riċerki kemm fuq il-venditriċi kif ukoll fuq l-awturi tagħha. Kieku jien sibt kuntratt t'akkwist minn naħa tal-venditriċi, jew l-awturi tagħha, dan kien jitniżżel fil-parti tal-provenjenza ta' l-akkwist. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-oġġett tal-kuntratt, li f'dal każ spiċċa art, jien kont ingħatajt mill-partijiet pjanta li ġiet annessa ma' l-istess kuntratt li biha ndikaw l-oġġett tal-kuntratt. Sa fejn niftakar, l-iskrivan ta' l-uffiċċju, kien ikkomunika....mal-Uffiċċju Konġunt. Naf ukoll li l-art ġiet reġistrata mill-Uffiċċju Konġunt, mal-Land Registry. Hawnhekk minix nirreferi għall-art kollha l-oġġett tal-kuntratt tal-1993, imma parti minnha. Fil-fatt minn naħa tal-uffiċċju tagħna, l-iskrivan kien ħa ħsieb ukoll (li) jippreżenta (sic) prekawzio b'referenza għal din ir-reġistrazzjoni."*

6. Fir-rigward tal-pjanta annessa mal-kuntratt t'akkwist tal-attur tal-1993 għamel ukoll diversi konstatazzjonijiet il-perit tekniku Vincent Ciliberti kemm fl-ewwel rapport tiegħu u anke f'dak supplementari b'rabta mal-pjanti mħejjija minnu. Huwa kkonstata fost l-oħrajn li –

(i) Meta fil-ħin tal-aċċess miżmum, l-attur ġie mitlub jindika l-porzjon t'art in kontestazzjoni, **minflok ma' l-art bdiet tiġi ndikata mill-attur**, ċertu Noel Baldacchino li kien preżenti, talab sabiex jindika l-art hu. Huwa ddikjara li kien qed jagħmel dan f'isem l-attur;

[17] Fol 103

(ii) Meta Noel Baldacchino ġie biex jindika l-art, **huwa beda jindika art li ma kinitx il-porzjon mertu tal-proċeduri odjerni**. Dan għaliex l-art mertu tal-kawża kienet proprju fid-direzzjoni opposta tal-porzjon li kien qiegħed jindika, u ċioe' fid-direzzjoni tal-lbiċ;

(iii) Irriżultalu mingħajr dubju li l-porzjon art indikata fil-pjanta a fol 39 u ċioe' l-pjanta annessa mal-kuntratt t'akkwist tal-1993 tinkludi fiha l-porzjon kontestat fil-kawża odjerna;

(iv) Fir-rapport supplimentari l-perit tekniku esebixxa tliet pjanti fuq materjal trasparenti b'dan li jkun jista' jitwettaq *superimposition*.

7. Jiġi sottolineat li l-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014**[18] -

*"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi*

[18] Rik 988/08

*prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami (“**Grima vs Mamo et noe**” – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - “**Cauchi vs Mercieca**” – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; “**Saliba vs Farrugia**” – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; “**Tabone vs Tabone et**” – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; “**Calleja noe vs Mifsud**” – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u “**Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et**” (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli” – (“**Bugeja et vs Muscat et**” – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967).”*

8. Fid-dawl ta' dan kollu suespost isegwi li l-Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali redatt fuq inkarigu minnha mogħti. Madankollu hija m'għandhiex b'mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert imqabbad apposta mill-Qorti biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern.

9. Hija l-fehma tal-Qorti pero' li fil-każ odjern, uħud mill-konklużjonijiet li saru mill-perit tekniku huma bażati fuq konstatazzjonijiet li dwarhom il-Qorti ser tagħmel kunsiderazzjonijiet ta' natura legali li jimpinġu direttament fuqhom u li għalhekk jinfluwixxu mhux bi ftit fuq l-eżitu ta' dak konkluż mill-istess perit kif ser jingħad. Għaldaqstant, ħlief safejn huwa kompatibbli mal-kunsiderazzjonijiet segwenti, il-Qorti mhijiex f'qagħda li tadotta u tagħmel tagħha l-ewwel rapport u r-rapport supplimentari;

10. Il-Qorti tqis li l-konstatazzjonijiet li għamel il-perit tekniku Vincent Ciliberti kemm fl-ewwel rapport kif ukoll fir-rapport supplimentari inkluż il-pjanti minnu redatti a fol 303 et seq fir-rigward tat-titolu vantat mill-attur huma msejsa fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt t'akkwist tal-attur tal-24 ta' Settembru 1993;

11. Madankollu, wara li rat l-atti kollha l-Qorti għad għandha riservi kbar dwar il-provenjenza/natura ta' din il-pjanta, u kwindi l-portata tagħha fuq il-konfigurazzjoni ta' dak mixtri mill-attur fir-rigward tal-porzjon mertu tal-kawża;

12. Jiġi nnutat fl-ewwel lok li l-pjanta a fol 39 annessa mal-kuntratt t'akkwist tal-1993 ġiet oriġinarjament mogħtija lin-nutar mill-partijiet fuq biċċa ċarruta. Minn naħa tiegħu n-nutar għamel pjanta identika u mmarkaha huwa stess;

13. Kif ingħad fil-każ **Giulia Curmi et vs Giuseppe Schembri deċiż fit-28 t'April 2016** –

*".....pjanta hija parti ntegrali mill-kuntratt ghal dak li jirrigwarda l-konfigurazzjoni tal-ambjenti li tkun qed tindika."*

14. Tenut kont partikolarment tal-fatt li fir-riċerki tiegħu n-nutar li rrediġa l-kuntratt ma rnexxilux jasal oltre t-testment tal-ġenituri tal-venditriċi għal dak li jirrigwarda provenjenza tat-titolu, kien jinkombi fuq il-partijiet li jassiguraw, almenu tramite espert tekniku u peritali, li l-art indikata fil-kuntratt tikkorrispondi mal-konfigurazzjonijiet tal-pjanta li ġiet finalment annessa mal-kuntratt t'akkwist;

15. Din il-verifika *a priori* qabel l-iffirmar tal-kuntratt kienet kruċjali mhux biss għall-konsapevolezza tal-attur li dak li qed jixtri effettivament huwa kollu mmarkat korrettement fuq il-pjanta iżda wkoll għaliex tali pjanta kienet dik li eventwalment huwa straħ fuqha meta mar biex jirreġistraha mar-Reġistru tal-Artijiet ukoll li issa jistrieħ fuqha n vertenza;

16. Il-perit tekniku tal-Qorti Vincent Ciliberti fix-xhieda tiegħu ukoll stqarr li fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu u l-konklużjonijiet tiegħu u fil-pjanti tas-*superimposition* b'rabta mal-art mixtrija mill-attur, huwa strah intierament fuq il-pjanta esebita mill-istess attur annessa mal-kuntratt t'akkwist[19] -

Għalhekk mistoqsi:

*"Av : Inti konsepevoli tal-fatt li dik il-pjanta giet imhejjija mill-partijiet li poggew fuq il-kuntratt tal-akkwist u mhux irrizulatlek minn xi ricerki ?*

*Xhud ; Jien kif nista' inkun konsepevoli ghal xi haga li kiteb in-nutar jiena?*

*Av : Le ghax meta suppost kellek thejji r-rapport ...*

*Xhud ; Imma jien mhux responsabbli ghal dak li jsir fl-att tal-akkwist ..*

*(.........)*

*Xhud ; Nerga nghidlek imma jien mhux responsabbli ghal dak li jikteb in-Nutar.*

*(.......)*

*Xhud : U wisq inqas ghal-pjanti li jipprezentaw......*

[1919] Fol 332 et seq

*(......)*

*Av :............inti konsepevoli li dik il-pjanta giet imhejjija mil-partijiet u mhux rizultat..*

*Xhud ; kif tridni inkun naf jiena ?*

*Av : Meta kellek taghmel over lap bil-fors kellek taghmel refernza ghalihom.*

*Xhud : kif tridni inkun konsepevoli tal-fatt li dik il-pjanta giet pprezentata mill partijiet ?"*

**17. Din in-nuqqas ta' ċertezza fir-rigward tal-provenjenza u l-korrettezza tal-pjanta annessa mal-kuntratt ta' akkwist tal-1993 joħloq tħassib u dubji serji dwar il-lok li fih tinsab l-art mixtrija mill-istess attur permezz ta' dak l-istess kuntratt u tinpingi mhux bi ftit fuq il-kunsiderazzjonijiet sussegwenti ta' din il-Qorti.**

18. Dan it-tħassib u dubji tal-Qorti jkompli jamplifika ruħu fid-dawl ta' provi oħra li tresssqu fil-kawża –

(i) Fuq ammissjoni tal-attur stess, huwa qatt ma kejjel l-art li huwa xtara;

**(ii)** Meta waqt l-aċċess li sar mill-perit tekniku Ciliberti, l-attur ġie mitlub jindika l-porzjon art in kontestazzjoni, huwa evidentement

ma kienx ċert għax spiċċa ħalla f'idejn terza persuna biex tagħmel dan. Addirittura t-terza persuna ndikat art żbaljata li kienet tinsab fid-direzzjoni opposta għal din in kontestazzjoni**. Dan kien ukoll ikkonfermat mill-perit tekniku nnifsu. Kien fil-fatt l-istess perit li ġibdet l-attenzjoni ta' dana Noel Baldacchino waqt l-aċċess li kien qed juri art f'direzzjoni ħażina!. Wieħed irid jiftakkar li dan kien ukoll parti mill-provi li l-attur kien qed iressaq, qua l-parteċipazzjoni tiegħu fl-aċċess peritali.**

**(iii)** Tenut kont li r-riċerki notarili li semma n-nutar Spiteri ma wasslux għat-titolu oriġinali tal-art, u l-pjanta mgħoddija lilu mill-venditriċi kienet **fuq ċarruta** kif ingħad, l-attur naqas li jissostanzja dan il-vacuum billi għallinqas itella' lill-venditriċi jew minn konoxxenti tal-fatti, biex tixħet aktar dawl fuq il-provenjenza tat-titlu tagħha u tal-awturi tagħha fuq l-art kontestata u fuq kollox fuq l-oriġini tal-pjanta li kien hemm fuq **iċ-ċarruta;**

(iv) Huwa sinifikanti wkoll kif –

- Qabel ma huwa ipprova jirreġistra l-art mar-Reġistru tal-Artijiet, fix-xhieda tiegħu l-attur jgħid li l-art jaf li kienet

tinħadem minn ulied il-venditriċi Carmela Spiteri u qabilhom kien jaħdimha missierhom Indri'. Speċifika wkoll li[20]-

*"Nies oħra hemm jiena qatt ma' rajt u kemm ili nidħol f'dan ir-raba' lili qatt ma ġie ikellimni ħadd dwar xi pretensjoni li huwa għandu fuq din l-art."*

- Pero' meta mbagħad kien għaddej bit-taħdidiet mal-Uffiċċju Konġunt dwar l-art mertu tal-kawża wara li kien ipprova jirreġistraha inutilment mar-Reġistratur tal-Artijiet, huma nfurmawh li l-art kienet ġiet imqabbla lil gabillot u cioe' l-intervenut Carmelo Mallia;

- Missier l-attur, Carmelo Baldacchino **adirittura** xehed hekk[21] -

*"Ir-raba li jahdem Mallia nafha. Naf liema hi u kapaci nindikaha fuq il-pjanta. Lil papa` tieghu niftakru wkoll jahdem ir-raba. Kien jismu Raffael Mallia.* ***Dejjem il proprjeta' tal-Gvern kien jahdem missieru, l-istess proprjeta' li llum qed jahdem is-sur Mallia****. Nikkonferma illi r-raba li qed jahdem Mallia tmiss mal-proprjeta' li xtara ibni John. Il-wied kollu nafu jiena. Minn sebghin sena 'l hawn kollu nafu dak il-wied u kapaci nsemmi l-ismijiet, nies illi kieku ghadhom hajjin ghandhom iktar minn mitt sena.* ***Ir-raba li xtara ibni John jien ma kelli x'naqsam xejn mieghu, qatt ma hdimtu. Bejn ir-raba tat-tifel u r-raba ta' Mallia hemm hajt divizorju. Dan huwa hajt tas-sejjieh****.*

*(.......)*

***It-tifel qed jokkupa l-art kollha li akkwista." (enfasi ta' din il-Qorti.)"***

---

[20] Fol 87 affidavit ta' l-attur.

[21] Fol 220

(v) Quddiem din l-evidenza, d-dubju neċessarjament jinsorġi dwar jekk l-art li qed jitkellem dwarha l-attur hijiex l-istess waħda li qed tinħadem mill-intervenut Mallia u li għaliha huwa jħallas il-qbiela lill-Uffiċċju Konġunt;

(vi) Mingħajr ma tidħol fil-mertu tat-titolu tal-Uffiċċju Konġunt, mill-provi ħareġ ukoll li l-art li l-attur qed jgħid li hi tiegħu fil-kawża odjerna, hija mqabbla lill-intervenut Carmelo Mallia. Kif xehed l-intervenut stess[22], l-art imqabbla lilu kienet tal-Knisja u oriġinarjament missieru kien ħadha mingħandha **xejn anqas mis-sena 1954** imbagħad daret fuqu fl-1981. **Senjatament, dawn kienu ilhom jaħdmu tali għalqa sa minn ferm qabel ma' xtara r-raba' l-attur fl-1993**. Carmelo Mallia xehed li *"Ta' Baldacchino kienu xtraw biċċa li qiegħda tmiss mar-raba' li qegħda f'idi*[23]*."*

(vii) Dan juri li kemm Carmelo Mallia u anke missier l-attur qed jgħidu li l-art maħduma mill-istess Carmelo Mallia (u li għaliha jħallas il-qbiela lill-Uffiċċju konġunt) tmiss ma' dik mixtrija mill-attur. Allura diffiċli jitwemmen li si tratta tal-istess art u għalhekk il-Qorti ma tistax taqbel ma dak li talvolta ġie konkluss mod ieħor għax hi kellha

[22] Fol 108 et seq
[23] Fol 109

l-opportunita' tevaluta sew il-provi u għandha stampa aktar ċara tar-riżultanzi kollha;

*(viii)* Pero' dan huwa deduċibbli wkoll mix-xhieda tal-istess attur meta, kif ingħad fis-suepost, huwa stess xehed li fl-għalqa mixtrija minnu huwa qatt ma ra nies oħra jaħdmuha qabel ħlief il-familja tal-venditriċi. Mela l-mistoqsija li tisorgi waħidha hija, *la lil Carmel Mallia qatt ma rah hemm, kif issa jista' jgħid li dik l-art hija l-istess waħda li xtara huwa fl-1993?*

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet u rinfaċċjata b'din in-nebolożita' ta' provi fir-rigward tal-allegat titlu tal-attur fuq l-art mertu tal-kawża odjerna, u dan tenut kont ta' dak espost fil-linja ġurisprudenzjali, l-Qorti tqis li l-attur ma rnexxilux jipprova t-titlu tiegħu sal-grad rikjest mill-liġi f'kawżi ta' din in-natura. Dan irrispettivament minn kull sottomissjoni legali li saret mill-partijiet u minn kull konstatazzjoni teknika li għamel il-perit tekniku fir-rigward tat-titolu tal-konvenut Direttur tal-Uffiċċju Konġunt, liema aspett il-Qorti mhux ser tidħol fih ladarba t-titlu tal-attur fuq l-art mertu tal-kawża ma ġiex sodisfatt.

Għal dawn il-motivi t-talbiet tal-attur ser jiġu respinti filwaqt li safejn biss huma kompatibbli ma' dak deċiż, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ser jintlaqgħu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Safejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

2. **Tiċħad it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ.**